**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

***MeDirect Bank (Malta) plc (C34125)***

***vs***

***Alison Investments Ltd (C77176); u***
***D.A. Holdings Ltd (C18064)***

**Illum, 17 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fid-9 ta' Settembru, 2024 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Illi s-soċjeta' intimata ħadet numru ta' faċilitajiet bankarji mingħand il-Bank esponenti.*

2. *Illi s-soċjeta' intimata naqset mill-obbligi tagħha skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet u ma baqgħetx tħallas l-pagamenti relattivi.*

3. *Illi nonostante diversi promessi illi kienet ser tirregola l-posizzjoni tagħha s-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti, sakemm f'April tas-sena kurrenti l-Bank esponenti kien kostrett illi jagħmel call in.*

4. *Illi fit-28 ta' April 2023 il-Bank esponenti ħareġ il-call in letter relattiv, għall-ammont komplessiv ta' €13,384,693.15, in konnessjoni ma ħames loan accounts li jġibu n-numri 400382, 400336, 400527, 400331, u 400332, inklużi l-imgħaxijiet relattivi w spejjeż anċillari kollox kif jidher spjegat fl-istess call in letter, liema ittra tinsab hawn annessa w mmarkata bħala Dok MD2.*

5. *Illi s-soċjeta' intimata, minkejja il-call in letter imsemmija baqgħet inadempjenti, u konsegwentement l-imgħaxijiet relattivi baqgħu jiġu*

*kkwantifikati u sat-30 ta' Ġunju 2023, u sad-data imsemmija l-ammont dovut huwa ta' €13,538,875.36 [tlettax 'l miljun ħames mija tmienja u tletin elf tmien mija u ħamsa w sebgħin ewro w sitta u tletin ċenteżmu], kollox skond ma jidher mill-istatment relattiv li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok MB3.*

6. *Illi d-dejn tas-soċjeta' intimata ġie garantit b'mod in solidum mis-soċjeta' intimata l-oħra D.A. Holdings Limited.*

7. *Illi d-debitu huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-esponenti s-soċjeta' intimate ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta' attriċi talbet lil din il-Qorti:-

*[i] taqta' u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-Artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoè bid-dispensa tas-smigħ;*

*[ii] Tiddikjara illi l-intimati huma debituri soldali tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' €3,007,581.99 [tlett miljuni sebat elef hames mija wiehed u tmenin ewro u disgha w disghin centezmu] fuq il-kont 400809 kollox skond ma jidher mill-istatement relattiv esebit bhala Dok SC1, jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi;*

*[iii] Tiddikjara illi s-socjeta' intimata Alison Investments Limited wahidha hija debitrici tar-rikorrenti f'somma ohra ta' €1,039,025.32 [miljun disgha u tletin elf hamsa u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu) fuq il-kont 400853 kollox skond ma jidher mill-istatement relattiv esebit bhala Dok SC2, jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi;*

*[iv] Tordna lill-intimati sabiex solidalment bejnithom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €3,007,581.99 [tlett miljuni sebat elef hames mija wiehed u tmenin ewro u disgha w disghin centezmu] jew dik is-somma likwidata mill-Qorti;*

*[v] Tordna lis-socjeta' intimata Alison Investments Limited sabiex thallas in oltre lir-rikorrenti s-somma ta' €1,039,025.32 [miljun disgha u tletin elf hamsa u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu) jew dik is-somma likwidata mill-Qorti;*

*Bl-imghaxijiet ulterjuri mill-15 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjes kontra l-intimati li minn issa jibqaw ingunti ghad-subizzjoni taghhom."*

Rat id-digriet tat-23 ta' Settembru 2024 permezz ta' liema din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta ta' llum u l-konvenuti ġew ordnati sabiex jidhru dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta'l-attur kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li s-soċjetajiet konvenuti, debitament rappreżentati, dehru fl-udjenza ta' llum u ammettew it-talbiet attriċi.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors ġuramentat tal-bank attur hekk kif maħluf u l-atti hemm annessi jirriżulta li s-soċjetajiet konvenuti huma debituri tiegħu fl-ammonti minnu indikat kif jirriżulta ukoll mill-ammissjoni tal-konvenuti.

Illi, wara li rat l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smiegħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, anke fuq ammissjoni tal-konvenuta, il-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' it-talbiet tal-bank attur** kif dedotti bl-imgħaxx u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**